Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 263 :: APRIL, 2018

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

**F'APRIL MHUX SE JKOLLNA L-LAQGĦA TAX-XAHAR BĦAS-SOLTU MINĦABBA LI SE JKOLLNA BBQ B'XEJN GĦALL-MEMBRI KOLLHA — 29 T'APRIL 11.30 AM**

## F'APRIL NILTAQGĦU GĦAND FRANK U DRAGA BONETT




Minħabba li f'Marzu ma stajniex nagħmlu l-BBQ bħas-soltu, allura l-kumitat iddeċieda li dan isir f'April wara konsultazzjoni ma' Frank u Draga. Dan jekk ma jinqala' xejn. Għall-BBQ se niltaqgħu għand Frank u Draga Bonett, fuq il-propjeta` tagħhom, **125 Blackwells Lane, Bulla**. **Il-Ħadd, 29 t'April.** Bħalma jagħmlu kull sena, Frank u Draga jkunu tant ġentili li jilqgħuna għandhom biex inqattgħu nofstanhar flimkien. Nispera li l-membri kollha jiġu biex ikollna numru sabiħ. Niltaqgħu għal xi l-11.30 am. Ikollna BBQ fejn il-Grupp jieħu ħsieb ta' kollox: laħam, salads, inbid, xorb minerali, te u kafe`, eċċ. Ejjew u ħudu pjaċir. Naturalment, ġibu xi qari magħkom. Hu importanti li dawk li fi ħsiebhom jiġu, iċemplu lil **Salvina Vella** fuq **9460-4404 Mobile: 0409 961 928**. Dawk li jużaw l-*internet* ikunu jistgħu jibagħtu *email* lil Salvina Vella fuq **paul.vella44@gmail.com** biex ikunu jistgħu jsiru l-preparamenti għall-ikel. Għal dawk li forsi din se tkun l-ewwel darba li jiġu għand Frank u Draga, qiegħed nipproduċi mappa biex forsi tkun ta' għajnuna għalikom biex issibu l-post aktar malajr. Nixtieq nieħu din l-opportunita` biex għal darb'oħra nirringrazzja lil Frank u lil Draga li ta' kull sena jilqgħuna għandhom. Napprezzaw ħafna. Ġibu magħkom platt u l-għodda biex tieklu :-)) u naturalment xi tazza għall-inbid.

## XOGĦOL GĦALL-PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Iż-żmien għaddej.... u l-Programm Mużiko-Letterarja qed joqrob. Jekk hemm xi membri li għandhom xi xogħol għall-Progeamm Mużiko-Letterarju ta' din is-sena tkun ħaġa tajba jekk jibagħtuh lil **Paul Vella, 4 Legh Street, Reservoir 3037** sa laħħar ta' Ġunju, biex ikun jista' jibda jaħdem fuqu u mhux kollox jaqa' għall-aħħar ħin. Hemm xi membri li ġa bagħtu x-xogħlijiet tagħhom. Barra minn hekk, tkunu qed tgħinu jekk dawk li għandhom il-computer jipprovdu x-xogħol tagħhom bħala WORD file, jekk fuq disk jew dirett permezz tal-*internet* biex niffrankaw aktar xogħol, lil Paul, **paul.vella44@gmail.com**

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Kien hemm ħafna li ħallsu l-miżata waqt li kienu fl-aħħar laqgħa. Il-miżata għadha $10. Ħafna mill-membri ġa ħallsu fl-ewwel laqgħat tagħna imma jekk hemm xi ħadd li għadu ma ħallasx nitolbuh jagħel dan.

## SIĠAR MALTIN




Baldacchino, A.E. (2018) Siġar Maltin - tagħrif, tnissil, ħarsien, għajdut. Klabb Kotba Maltin. 252 pps. Trid tkun taf aktar fuq is-siġar Maltin li jlibbsu u jżejnu pajjiżna? Trid issir tagħraf aktar kemm dawn jgħinnuna? Trid tgħin biex ikun hawn aktar għarfien u aktar apprezzament lejn dan il-wirt naturali? Naħseb li mela dan il-ktieb jinteressak. Dan għadu kif ġie ppublikat illum, L-Erbgħa ta' April, 2018. [ 254 more words ]
https://alfredbaldacchino.wordpress.com/…/…/04/sigar-maltin/

# l-aċċent – *is-17-il ħarġa*

Nibdew din il-ħarsa lejn il-kontenut bis-suppliment speċjali li joffrilna intervista mal-Prof. Albert Borg, il-lingwista ta' esperjenza kbira li għandu ħafna xi jgħid fuq il-lingwa Maltija llum u anke fuq dawk li jitkellmuha.

L-ewwel taqsima toffrilna artiklu ma' Reuben Degiorgio, il-kreatur tal-paġna Għidha bil-Malti, familjari ħafna ma' dawk li jużaw il-media soċjali. Interessanti wieħed jiskopri l-karattru ta' Reuben u x'inhu li jġiegħlu jtektek. Artiklu ieħor jittratta t-taħbila ortografika jekk tiktibx zona jew żona. Il-Prof. Manwel Mifsud jiċċara din l-istampa mċajpra.

Peress li l-avukati jkollhom ħafna xi jgħidu, din id-darba għandhom żewġ artikli fit-tieni taqsima, dik dwar it-terminoloġija. Jagħtuna analiżi dwar x'nużaw bejn 'mingħajr preġudizzju' jew 'bla ħsara' u f'artiklu ieħor naraw id-differenza bejn 'id-data tad-dħul fis-seħħ', 'id-data tal-applikazzjoni' u 'd-data meta d-dispożizzjonijiet ikollhom effett'. Antoine Cassar iżomm l-appuntament mal-qarrejja tiegħu bit-tieni parti tar-raba' artiklu mis-sensiela Lejn mappa tad-dinja bil-Malti. Artiklu ieħor hu ta' Ġużi Gatt li din id-darba jispjega d-differenza bejn blat, xaħx, ramel u raba' grass.

It-tielet taqsima tinkludi żewġ artikli dwar seminars li saru f'Malta, wieħed dwar is-sessimu fil-lingwa u l-ieħor dwar it-traduzzjoni u l-integrazzjoni. Ivan Said iżomm ukoll l-appuntament tiegħu b'artiklu dwar traduttur mill-imgħoddi - Wzzinu - li niżel fl-istorja bħala traduttur tal-ewwel ktieb bil-Malti stampat.

Insibu wkoll il-kontribut tat-terminologi bis-suppliment li huwa kontinwazzjoni ma' dak tal-ħarġa ta' qabel: Produzzjoni sostenibbli permezz tal-aqwa tekniki disponibbli.

Tinsewx issegwuna wkoll fuq facebook (facebook.com/accentmt/), u nilqgħu kull kumment, kritika u idea biex l-aċċent nagħmluh aħjar.

Il-pubblikazzjoni ssibuha wkoll online: http://ec.europa.eu/translation/maltese/magazine/mt_magazine_en.htm

Alan Delia, Koeditur

# Ir-Raġel Stramb + *ta' Salv Sammut*




Jekk qed tfittex rumanz tajjeb x'taqra bħalissa, mela aqbad f'idek il-ktieb 'Ir-raġel Stramb' ta' Salv Sammut. Ktieb li jħallik fuq ix-xwiek mill-bidu sal-aħħar paġna.

L-awtur jagħżel karattri interessanti u kontemporanji li b'sengħa kbira jikxfu l-passat, għaliex fih l-element ta' Storja b'dettal li jixhed kemm il-kittieb hu istruwit tajjeb dwar il-perjodu tal-Olokawst. Ġrajja b'protagonista tkun tfajla Maltija li tħobb il-mużika u li b'kumbinazzjoni tiltaqa' ma' dan ir-raġel, professur li jkun qed jaħbi passat misterjuż b'biża' mill-figura femminili.

L-awtur jinseġ din il-ġrajja b'mod interessanti għaliex juri l-kapaċità li jċaqlaq iż-żmien mill-preżent għall-passat kontinwament u nsiru nafu l-imgħoddi tal-professur tal-mużika permezz tad-djarju li hu jżomm appuntament miegħu ta' spiss.

In-narrazzjoni interessanti ferm għax qisek qed issegwi film mimli taqtigħat sal-aħħar u mimlija bil-ġrajja tal-umanità ddominata mit-tbatija li ġġib magħha. Ħafna drabi niltaqgħu ma' bnedmin fil-ħajja tagħna li jidħlu f'ħajjitna biex iwettqu missjoni magħna jew aħna magħhom għax Jasmine u l-Professur Fyodor Kamarovsky jiftħu tieqa fil-ħajja ta' xulxin, hi għax issir l-istudenta tiegħu li ma taqtax qalbha, avolja l-attitudni tiegħu magħha ma kenitx tajba u hi li tgħinu jerġa' jaffaċċja l-biża' li kellu. Din hija ġrajja li ser tidħol f'qalbek żgur, ibqa' fuq kliemi! — *(Kitba ta' Amanda Busuttil)*

# TAĦŻIŻ5

Nhar is-Sibt 7 ta' April 2018 ġewwa Studio Solipsis, ir-Rabat fit-8pm tnediet il-pubblikazzjoni finali ta' TAĦŻIŻ5. L-editur għal din l-edizzjoni huwa Glen Calleja.

TAĦŻIŻ5 kien imqassam fuq numru ta' seminars residenzjali u laqgħat oħra, li fihom ġew iġġenerati kitbiet b'esperimentazzjoni. Il-parteċipanti f'din l-edizzjoni huma Krystle Abela, Ruth Abela, Mireille Borg, Rowena Calleja, Chris Cini, Rachelle Deguara, Angele Haber, Rachela Gauci, Gabriel Pace, u Darren Sammut.

Il-pubbliku kien imħeġġeġ biex jattendi. Is-serata kienet b'xejn, waqt li dawk preżenti ingħataw ukoll il-pubblikazzjoni forma ta' poster iddisinjata minn Lorinda Mamo. Ftit tnaqqir ma jonqosx!

Dakinhar tħabbret is-sejħa għal TAĦŻIŻ6!



Id-dettalji ssibuhom fil-ħolqa tal-attività: www.facebook.com/events/1625615640860481.

TAĦŻIŻ huwa programm ta' 'empowerment' u formazzjoni ta' tnax-il xahar li jġib flimkien żgħażagħ b'interess fil-kitba kreattiva fid-diversi forom tagħha, kemm fil-kuntest tal-letteratura kif ukoll f'kuntesti artistiċi interdixxiplinarji.

'Taħżiż' iħares b'mod ħolistiku kemm lejn il-proċess ta' kitba kif ukoll lejn l-iżvilupp tal-parteċipanti. Għaldaqstant, il-programm iħares ukoll lejn il-proċess ta' produzzjoni ta' prodotti kulturali li fil-qofol tagħhom jitolbu element ta' kitba u l-preżentazzjoni pubblika ta' dawn il-prodotti.

Il-programm qed isir mill-Aġenzija Żgħażagħ bi sħab mal-Għaqda tal-Malti - Università u jinkludi 'workshops' residenzjali intensivi, eżerċizzji ta' kollaborazzjoni kreattiva matul is-sena, kif ukoll pubblikazzjoni u preżentazzjoni pubblika tax-xogħol fl-aħħar tal-programm.

# FESTSCHRIFT F'ĠIEĦ OLIVER FRIGGIERI

Meta fissirna l-ħsieb ma’ dawk li jafu lil Oliver Friggieri mill-qrib biex f’għeluq is-70 sena tiegħu nuruh l-apprezzament tagħna billi nippreżentawlu Festschrift, ġara kif bsarna. Ħafna ħbieb kif ukoll awturi u kollegi tiegħu minnufih wieġbu għas-sejħa tagħna.

Dan il-Festschrift f’ġieħ Oliver Friggieri jinkludi kontribuzzjonijiet kemm fil-forma ta’ tifkiriet kif ukoll b’temi akkademiċi, b’kitbiet u studji minn fost l-aqwa esponenti tal-kitba kontemporanja Maltija, fosthom: Josette Attard, Anthony Aquilina, Ġorġ Borg, Tonio Borg, Joseph Brincat, Charles Briffa, Arnold Cassola, Charles Coleiro, Charles Dalli, Victor Fenech, Henry Frendo, Philip Farrugia Randon, Joe Friggieri, Godfrey Grima, Ray Mangion, Ugo Mifsud Bonnici, Achille Mizzi, Roger Ellul Micallef, Richard Vella Laurenti, Terence Portelli, Ray Sciberras, Kalċidon Vassallo, Trevor Żahra, u Marcel Zammit Marmarà.

Il-ktieb huwa pubblikazzjoni tal-Klabb Kotba Maltin u se jikkumplimenta l-awtobijografija ta’ Oliver Friggieri, Fjuri li ma Jinxfux – Tifkiriet 1955-1990 (2008). Jinkludi wkoll illustrazzjonijiet u ritratti li se jidhru għall-ewwel darba. Il-membri tal-bord editorjali huma: Joseph P. Borg, Prof. Ray Mangion, Marcel Zammit Marmarà u Trevor Żahra.

KULL MIN JORDNA L-KTIEB ISSA BIL-PREZZ SPEĊJALI TA' €40 IKOLLU ISMU MNIŻŻEL FIL-KTIEB FIL-PAĠNA TAL-AWGURI

***Għandi nifhem li din l-offerta issa għalqet imma wieħed jista’ jixtri dan il-ktieb għal 48 euro.***

## Mill-Petali Ta’ Hajtek: *Kitbiet F’Gieh Oliver Friggieri*

Ebda Festschrift ma jirnexxilu jagħti mqar ħjiel ta’ dak kollu li hu Oliver Friggieri; ebda unur u medalja, għax il-kontribut ta’ Oliver huwa akbar minn dawn kollha. Oliver irnexxielu jinżel fil-fond tar-ruħ Maltija, jeskava l-labirinti tas-seħer tagħha u jesibihom fid-dawl tax-xemx biex igawdihom poplu sħiħ. Iżda b’danakollu aħna ħassejna li f’għeluq il-71 sena tiegħu kien jixraq li noffrulu petali li ma jidbilux. U sibna ħafna li resqu blakbar ħeġġa biex isaqquhom.




Dan il-Festschrift f’ġieħ Oliver Friggieri jinkludi kontribuzzjonijiet kemm fil-forma ta’ tifkiriet kif ukoll b’temi akkademiċi, b’kitbiet u studji minn fost l-aqwa esponenti tal-kitba kontemporanja Maltija. Ma’ wħud mill-kitbiet qed jidhru ritratti, ittri u dokumenti għall-ewwel darba. Ħsibna wkoll biex dan il-ktieb ikun mogħni b’bibljografija bix-xogħlijiet ewlenin tiegħu. Nittamaw li wara li taqraw il-kitba ta’ dawn il-paġni, issiru tafu aktar mill-qrib mhux biss lil Oliver Friggieri l-istudjuż, l-akkademiku u l-kittieb, imma wkoll lil Oliver Friggieri l-bniedem ta’ qalb kbira li ħajtu mimlija b’petali mill-isbaħ li jibqgħu dejjem friski, delikati u mimlijin fwieħa.

Minn: Diversi.
Format: hardcover
Pagni: 532

## *X’Jiktbulna...*

Għażiż Paul, Nirringrazzjak u nixtieq lilkom ukoll l-Għid it-Tajjeb.
Tislijiet,

***Nunziella Giglio***

Grazzi ħafna Paul għall-Folju ta' Marzu, kont qed nistennieh infatti u ħadt pjaċir ħafna bih għax mimli b'tagħrif interessanti. Ser nibgħatlek l-artiklu għax-xahar id-dieħel flimkien ma' ritratt tal-ktieb verament sabiħ li qrajt tal-awtur Salv Sammut. Grazzi u tislijiet! Ħajr mill-ġdid, napprezza wisq l-appoġġ tiegħek.

***Amanda Busuttil***

Grazzi ħafna, Paul. L-Għid it-tajjeb lilek u lill-membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria.
Tislijiet mill-qalb,

***Dr Rena Balzan***

Għażiż Paul, Grazzi tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ħarġa ta’ Marzu 2018. Bla ma ntenni dak li ili ngħidlek u nfaħħarlek, din il-ħarġa ma tagħmel l-ebda għajb lil ta’ qabilha. L-Għid it-Tajjeb lilek Paul, lill-familja kollha tiegħek, u lill-familja l-oħra tal-folju, li qed ikun ta’ ġid. B’imħabba.

***Mario Griscti***